MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-30 ta' April, 2012

Citazzjoni Numru. 973/2011

**Joseph George Tabone magħruf bħala Tabone Adami**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentata fis-7 ta’ Ottubru 2011 li permezz tiegħu l-attur ippremetta:

1. Illi l-attur Joseph George Tabone magħruf bħala Tabone Adami (K.I. numru 82740(G)) li jiġi iben Carmelo Tabone Adami u Rosaria Tabone Adami xebba Brimmer u dejjem huwa ndikat bil-kunjom Tabone Adami u għalhekk qiegħed jitlob li ssir annotazzjoni f’dan is-sens fiċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu 827 tas-sena 1940 Gozo (dokument A);

2. Illi r-rikorrenti Joseph George Tabone Adami u martu Mary Anne xebba Said Pullicino iżżewġu nhar l-20 ta' Ottubru 1968 u ż-żwieġ ġie reġistrat biċ-ċertifikat numru 292/1971 u fl-istess ċertifikat il-kunjom Joseph Tabone Adami huwa ndikat bħala Tabone Adami, u għalhekk ma hemmx bżonn li ssir korrezzjoni fil-kolonna intestata ***"Isem u kunjom ir-raġel miżżewweġ"*** peress li din hija korretta (Dok B);

3. Illi fiċ-ċertifikat taż-żwieġ ta' bejn missier u omm l-attur, li għandu l-annotazzjoni numru 66/1937 u li żżewġu nhar id-29 ta' Diċembru 1936, u li kopja tiegħu qiegħed jiġi hawn anness bħala dokument C, jirriżulta li missieru huwa ndikata bħala 'Carmelo Tabone Adami" u omm l-attriċi hija ndikata bħala 'Maria Rosaria Brimmer';

4. Illi jirriżulta għalhekk ben ċar, li fiċ-ċertifikat tal-att tat-twelid tal-istess attur Joeph George Tabone bin-numru 827/1940 hawn anness bħala (Dok A) huwa żbaljat fis-sens li ċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu kelli jiġi ndikat legalment bħala 'Joseph George Tabone Adami' u mhux bħala 'Joseph George Tabone'.

5. Illi *in oltre* jrid jingħad ukoll li isem u kunjom l-attur fuq il-karta tal-identita' tiegħu li kopja tiegħu qiegħed jiġi hawn anness bħala (Dok D) u fil-karta anzjan tiegħu hawn anness bħala (Dok E), jirriżulta li l-attur Joseph George huwa dejjem indikat bħala kunjomu 'Tabone Adami' *stante* l-fatt li missieru kien indikat u reġistrat bħala 'Tabone Adami' kif jirriżulta fiċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness bħala dokument C ma' dan ir-rikors ġuramentat;

6. Illi in vista għalhekk ta' dawn il-fatti hawn fuq indikati, u in vista ukoll ta' provi li l-attur għandu u li sejjer jippreżenta tul il-kors tal-kawża, l-attur qiegħed jintavola din il-kawża;

7. Illi r-rikorrenti ntavola ittra uffiċjali nhar it-23 ta' Settembru 2011 liema ittra uffiċjali qiegħed hawn anness bħala dokument F.

Għaldaqstnat l-esponenti jitlob bir-rispett prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna l-għaliex din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħmel is-segwenti korrezzjonijiet u / jew annotazzjonijiet, u ċjoe':

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi ċ-ċertifikat tat-twelid tal-attur bin-numru 827/1940 Gozo (anness hawnhekk bħala dokument A) huwa żbaljat fis-sens li kunjom l-attur huwa 'Tabone Adami' u mhux 'Tabone';

2. Tordna illi kunjom l-attur għandu jiġi reġistrat fiċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu 827/1940 (Gozo) bħala 'Tabone Adami' u mhux biss bħala 'Tabone' jew alternattivament li ssir annotazzjoni relattiva fl-istess ċertifikat taż-żwieġ;

Bl-ispejjeż kontra l-intimat minn issa nġunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku ppreżentat fil-21 ta' Diċembru 2011, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi *in limine litis* jingħad li talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi bla preġudizzju għal fuq imsemmi, jiġi rilevat li t-talbiet tar-rikorrenti huma nsostenibbli *stante* li l-kunjom indikat fl-imsemmi Att tat-Twelid numru 827/1940 (Dok. A.) ma huwiex dak tar-rikorrenti iżda ta' missieru. Difatti tali att ma jipprovdi l-ebda kolonna, intestatura jew spazju tal-ebda tip fejn jista' jiġi nserit il-kunjom tat-tarbija;

3. Illi madanakollu l-esponenti jassigura lir-rikorrenti li ġjaladarba kunjomu qiegħed indikat bħala Tabone Adami fl-Att taż-Żwieġ tiegħu li jġib in-numru 292/1971, huwa se jkun meqjus bħala Tabone Adami u tali kunjom se jkun rifless f'dawk l-atti pubbliċi fuq liema ismu jkun indikat;

4. Illi l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat illi fil-verbal tas-seduta tad-29 ta' Frar 2012 fejn il-kawża ġiet differita għas-sentenza wara li d-difensur tal-attur iddikjara li kien qed jillimita t-talba tiegħu għall-annotazzjoni fl-att tat-twelid;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed tagħmel din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja, korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-Artiklu 254 saret debitament.

Illi kif ġja' ngħad l-attur in vista l-eċċezzjonijiet imsemmija irristrinġa ruħu illi jitlob annotazzjoni. F'dan ir-rigward il-Qorti ma ssibx diffikolta' tilqa' din it-talba. Peress li huwa palesament ċar li l-konvenut ma jaħtix għaliex ma hemm ebda żball fl-att in kwistjoni, il-Qorti tħoss li dan m'għandux ibati spejjeż.

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi minkejja li tiċħad it-talbiet tal-attur, tordna li ssir annotazzjoni fl-att tat-twelid tiegħu, fis-sens li huwa jkun magħruf bil-kunjom Tabone Adami.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-attur stess.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------